**314. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-Proċedura dwar dawn l-Abbozzi ta' Liġi:

(a) Abbozz ta' Liġi biex ikompli jemenda l-Att tal-1986 dwar is-Sigurtà Nazzjonali;
(b) Abbozz ta' Liġi biex ikompli jemenda l-Att tal-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ; u
(c) Abbozz ta' Liġi biex ikompli jemenda l-Att tal-1956 dwar l-Għajnuna Nazzjonali.

1. Illi dawn l-Abbozzi ta' Liġi jkunu dikjarati urġenti, u diskussi fil-bqija tal-istadji tagħhom kollha, f'seduta waħda.

2. Illi fis-seduta msemmija, id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari u fil-Kumitat ta' dawn it-tliet Abbozzi ta' Liġi, jekk ma tkun intemmet qabel, għandha tieqaf fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, meta s-Sedja tqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm il-proċedura kollha meħtieġa dwar it-Tieni Qari u l-Kumitat ta' dawn it-tliet Abbozzi ta' Liġi:

Iżda anke meta jkun għadda l-ħin tal-interruzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi jew klawsoli ġodda titqiegħed mingħajr diskussjoni;

3. Illi wara li jkun irrapportat il-Kumitat, jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat ta' dawn it-tliet Abbozzi ta' Liġi, il-Kamra tgħaddi minnufih għat-Tielet Qari ta' kull wieħed minnhom; u

4. Illi jekk jintalbu votazzjonijiet, fi kwalunkwe stadju ta' dawn it-tliet Abbozzi ta' Liġi, il-ħin ta' dawn il-votazzjonijiet ma jiżdiedx mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta; u illi kull votazzjoni li tista' tintalab wara l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għandha tittieħed ħames minuti biss wara li tkun intalbet.

25.07.1986